# FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI TA' MALTA

## MAGISTRAT DR FRANCESCO DEPASQUALE

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, tmintax (18) ta' Jannar 2016**

**Rikors Numru 499/10 FDP**

**Dr Lawrence Gonzi**
**(ID 489953M)**

**vs**

**Josef Caruana**

Il-Qorti:-

Rat ir-rikors promotur ippresentat fit 23 ta' Novembru 2010 fejn ir-rikorrent talab lill-Qorti tiddikjara l-editorjal intitolat '*Giddieb bil-provi*' li deher fil-harga ta' l-Orizzont tal-15 ta' Novembru 2010 bhala libelluz u malafamanti fil-konfront tar-rikorrenti stante illi kien intiz biex itellef u jnaqqas ir-reputazzjoni tieghu u ghalhekk talab illi tikkundanna lill-intimat, bhala editur ta' l-istess gazzetta, biex thallsu d-danni skond l-artikolu 28 tal-Kap 248.

Rat l-editorjal ippubblikat fil-harga tal-15 ta' Novembru 2010 u esebit mir-rikorrent.

Rat l-eccezzjonijiet ta' l-intimat ippresentati fit-3 ta' Frar 2011 fejn laqa' ghal dak lilu imputat billi sahaq illi l-kitba hija kumment fuq fatti maghrufa filwaqt illi sahaq illi dak li qal hu permess f'socjeta hielsa.

Semghet x-xhieda ta' **Dr Lawrence Gonzi** moghtija fil-21 ta' Ottubru 2011 kif ukoll rat id-dokumentazzjoni minnu esebita, inkluz it-transcript ta' l-intervista illi kellu l-istess rikorrent fuq il-programm **Bondi+** illi deher fit 18 ta' Ottubru 2010 u li ghalih issir referenza fl-editorjal meritu tal-kawza odjerna.

Rat id-DVD tal-programm **Bondi+** datat 18 ta' Ottubru 2010 u li gie ppresnetat minn Dr Simon Manicolo, rappresentant ta' l-Awtorita' tax-Xandir, fil 11 ta' Novembru 2011.

Rat illi fil-11 ta' Novembru 2011 ir-rikorrenti iddikjara illi ma kellhux aktar provi x'jippresenta.

Semghet ix-xhieda ta' **Josef Caruana** moghtija fl-14 ta' Dicembru 2011 u rat id-dokumentazzjoni ippresentata minnu stess.

Rat l-affidavit ta' Josef Caruana ippresentat fl-20 ta' Frar 2012 flimkien ma' dokumentazzjoni in sostenn tal-fatti indikati fl-affidavit.

Semghet ix-xhieda tan-**Nutar Charles Mangion**, Chairman, dak iz-zmien, tal-Public Accounts Committee, moghtija fit-23 ta' April 2012.

Semghet ix-xhieda ta' **Anna Brincat**, rappresentant tal-Kamra tar-Rappresentanti moghtija fit-22 ta' Gunju 2012 u rat id-dokumentazzjoni minnha esebita.

Semghet ix-xhieda ta' **Paul Bugeja**, segretarju fit-Taqsima Metal u Kostruzzjoni fi hdan il-General Workers' Union, moghtija fit-22 ta' Gunju 2012.

Semghet ix-xhieda ta' **Charles Agius**, segretarju fit-Taqsima Marittimu u Avjazzjoni fi hdan il-General Worker's Union moghtija fit-2 ta' Novembru 2012.

Semghet ix-xhieda ta' **Kevin Camilleri**, segretarju fit-Tqsima Ospitabbilta' u Ikel fi hdan il-General Worker's Union, moghtija fid-19 ta' April 2013.

Semghet ix-xhieda in kontro ezami ta' Dr Lawrence Gonzi moghtija fil-31 ta' Mejju 2013.

Rat illi fil-15 ta' Novembru 2013 il-Qorti giet infurmata illi l-partijiet kienu qed jippruvaw jittransigu.

Rat illi fit-30 ta' Gunju 2014, il-Qorti giet infurmata illli transazzjoni ma kienetx sehhet.

Semghet il-kontro ezami ta' l-intimat, Josef Caruana, illi saret fl-20 ta' Ottubru 2014.

Rat illi fis-17 ta' Novembru 2014 ir-rikorrent talab illi jaghmel xi kjarifiki wara x-xhieda ta' l-intimat.

Semghet ix-xhieda tar-rikorrenti moghtija fil-5 ta' Marzu 2015 u rat id-dokumentazzjoni minnu esebita.

Rat illi fit-30 ta' April 2015 il-partijiet qablu illi ma kienx hemm aktar provi x'jippresentaw u l-kawza setghet tithalla ghas-sottomissjonjiet finali.

Rat is-sottomissjonijet tar-rikorrenti ippresentati fit-23 ta' Gunju 2015.

Ra is-sottomissjonijiet ta' l-intimat ippresnetati fid-9 ta' Settembru 2015.

Ra illi fil-5 ta' Ottubru 2015 il-kawza thalliet ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

Il-kawza odjerna tirrigwarda editorjal illi deher fil-gazzetta l-Orizzont fil-15 ta' Novembru 2010 fejn l-editur tal-gazzetta, l-intimat Josef Caruana, kiteb dwar il-fatt illi l-mexxej tal-Partit Laburista Dr Joseph Muscat, waqt programm imtella fuq l-istazjoni televiziv nazzjonali PBS bl-isem ta' Xarabank, ftit jiem qabel, kien ghajjar lir-rikorrent Dr Lawrence Gonzi, dak iz-zmien Prim

Ministru, bhala giddieb, u l-awtur ghadda biex jikteb l-editorjal, li jista jigi facilment deskritt bhala kritika politika fil-konfront tar-rikorrent, liema editorjal kien ibbazat fuq varji allegazzjonjiet ta' gideb illi huwa kkontenda kien qal ir-rikorrent u li ghalhekk huwa kien intitola l-editorjal "**Giddieb bil-provi**".

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta illi l-editorjal inkiteb fi zmien meta kienet ghaddejja kontroversja politika kbira, kemm fil-Parlament kif ukoll fuq il-mezzi tax-xandir taz-zewgt partiti politici, dwar l-ghoti ta' kuntratt, da parte ta' l-Enemalta, ghall-bini ta' 'power station' gdida intiza biex tirrimpjazza dik illi kien hemm gewwa l-Marsa, lill kumpannija estera BWSC, liema kontroversja kienet wasslet sabiex il-Public Accounts Committee, fis-26 ta' Mejju 2009, tqabbad lill Awditur Generali sabiex jinvestiga l-process ta' ghoti ta' dana il-kuntratt.

Jirrizulta illi wara hdax-il xahar ta' investigazzjoni da' parte ta' l-Awditur Generali, fejn sema diversi xhieda, huwa lesta r-rapport tieghu u dana tpogga fuq il-mejda tal-Kamra tar-Rappresentanti fid-19 ta' April 2010, wara liema data dana gie diskuss fl-istess Kamra tar-Rappresentanti f'Mejju ta' l-istess sena.

Jirrizulta illi sussegwentement, fil-laqgha tal-Public Accounts Committee tas-6 ta' Ottubru 2010, ic-Chairman ta' tali Kumitat, Dr Charles Mangion, li huwa Chairman appuntat mill-Opposizzjoni, ressaq ghad-diskussjoni ir-rapport ta' l-Awditur Generali fuq imsemmi u ppropona illi dina tigi diskussa mill-istess Kumitat fil-laqghat ta' wara.

Jirrizulta illi l-erbgha membri minn sebgha li bih huwa kompost dana il-Kumitat, liema erbgha membri jirrappresentaw il-Gvern tal-gurnata, u ghalhekk dakinhar kienu jirrappresentaw il-Gvern immexxi mir-rikorrent bhala Prim Ministru, kienu oggezzjonaw li tali rapport jigi diskuss u, wara illi talbu li jsir vot fuq jekk tali suggett ghandu jitqieghed fuq l-Agenda tal-Kumitat, ic-Chairman gharafhom illi l-Agenda kienet prerogativa tieghu u ghalhekk kien ser jinsisti illi tigi diskussa. Dana wassal sabiex Dr Austin Gatt iqajjem '*point of order*' dwar tali decizjoni u l-erbgha membri rappresentanti tal-Gvern hargu 'l barra mill-laqgha u ghalhekk il-laqgha ma setghetx titkompla minhabba f'nuqqas ta' 'quorum'.

Jirrizulta illi sussegwentement, lis-Speaker tal-Kamra tar-Rappresentanti, Dr Michael Frendo kien intalab sabiex jaghti ruling dwar tali decizjoni da' parte ta' Dr Mangion u lis-Speaker kien, fil-11 ta' Ottubru 2010, fost affarjiet ohra, ghadda biex jiddikjara illi filwaqt illi c-Chairman kien intitolat jirredigi l-Agenda huwa stess, vot dwar l-Agenda kellu jittiehed u ghalhekk kien skorrett illi ma thallix isir il-vot kif rikjest minn Dr Austin Gatt. Tali ruling irrileva wkoll illi d-decizjoni dwar persuni illi kelhom jitharrku jixhdu quddiem il-Kumitat kellha tittiehed mill-Kumitat kollu u mhux mic-Chairman.

Jirrizulta illi fit-18 ta' Ottubru 2010, waqt il-laqgha tal-Kumitat fuq imsemmi, meta c-Chairman ghadda biex jindika l-persuni li kellhom jigu mharrka sabiex jixhdu dwar ir-rapport ta' l-Awditur Generali, Dr Austin Gatt, li kien wiehed mill-erbgha membri tal-Kumitat appuntati mill-Gvern tal-gurnata, oggezzjona ghax-xhieda u, mistoqsi x'kienet attwalment il-posizzjoni tieghu, u ghalhekk ta' l-erbgha membri tal-Gvern, qal is-segwenti:

> *"Iva, l-oggezzjoni tieghi hija di principio u allura hija kontra kullhadd hlief l-awditur biex jispjega r-rapport tieghu"*

Jirrizulta illi dakinhar, wara illi ttiehed vot fuq il-persuni kollha li c-Chairman kien indika li kellhom jigu prodotti ghajr ghall-Awditur Generali, liema vot kien wiehed negattiv b'erbgha voti kontra u tlett voti favur, ic-Chairman ghadda biex jiddikjara li ser jirreferi l-kwistjoni lill-iSpeaker tal-Kamra tar-Rappresentanti sabiex dana ta' l-ahhar jistabilixx jekk jistghux jitharrku xhieda in vista ta' tali oggezzjonijiet. Madanakollu, hekk kif s-seduta kienet qed tigi aggornata, Dr Gatt ippresenta mozzjoni fejn, filwaqt illi jirringrazzja lill-Awditur Generali tax-xoghol li ghamel, jawtorizzah jikkollabora mal-Kummissarju tal-Pulizjia f'kull azzjoni illi jkun irid jmexxi. IL-presentata ta' tali mozzjoni kienet awtomatikament ser twassal ghall-eghluq definittiv tar-rapport ta' l-Awditur.

Jirrizulta illi vot dwar tali mozzjoni attwalment ma ttiehedx wara oggezzjonjiet tal-membri tal-Opposizjzoni u, fis-seduta ta' wara, illi nzammet fis-16 ta' Novembru 2010, il-Kumitat beda, bi qbil bejn il-membri kollha, jaghmel mistoqsijiet lill-Awditur Generali u deputati tieghu dwar ir-rapport fuq imsemmi, haga illi baqa jaghmel ukoll fis-seduti tat-30 ta' Novembru 2010 u 14 ta' Dicembru 2011.

Jirrizulta illi fil 11 ta' Jannar 2011, kemm Dr Austin Gatt ghall-membri tal-Gvern, kif ukoll Dr Evarist Bartolo, ghall-membri ta' l-Opposizzjoni ippresentaw lista ta' xhieda illi kellhom jinstemghu u fis-seduta ta' wara tal-31 ta' Jannar 2011, il-Kumitat ivvota favur li jinstemghu tali xhieda, liema xhieda eventwalment bdew jinstemghu fl-1 ta' Novembru 2011 u f'seduti sussegwenti.

## Ikkunsidrat

Jirrizulta, mix-xhieda tar-rikorrent, illi l-ilment tieghu kien dwar il-fatt illi l-intimat, fl-artikolu tieghu, kien skorrett meta qal li fil-programm televiziv **Bondi+**, illi kien gie rekordjat filghodu tat-18 ta' Ottubru 2010, jigifieri dakinhar illi saret il-laqgha tal-Kumitat kif fuq spjegat fid-dettall, ir-rikorrent kien sahaq illi l-Gvern kien ser ihalli l-opposizzjoni tressaq ix-xhieda kollha illi riedet, u dana, ir-rikorrenti insista, kien skorrett peress lli r-rikorrent kien informa lill-membri tal-Kumitat sabiex ma joggezzjonawx unikament biex jixhed l-Awditur Generali.

Jirrizulta illi fil-programm televiziv **Bondi+** li ssemma mill-intimat fl-editorjal tieghu, ir-rikorrent kien qal is-segwenti:

> *Jiena tajt struzzjonjiet biex la darba kien hemm ruling tal-ispeaker illi d-dibattitu li ghamilna diga fil-Parlament, dibattitu li dam ghaddej gurnata, fuq ir-rapport ta' l-Awditur, b'vot ukoll li ttiehed fil-Parlament, la darba l-Ispeaker qal li m'hemm xejn hazin li jergha jirrepeti ruhu fil-Public Accounts Committee, allura jiena tajt struzzjonijiet biex il-Membri tal-Gvern fil-Public Accounts Committee ma joggezzjonawx li jerrgha jsir id-dibattitu fuq dak ir-rapport, li anke jekk hemm bzonn li jissejjah l-Awditur Generali biex jikkjarifika, jissejjah l-Awditur Generali biex jikkjarifika m'ghandhix diffikulta li jsir. Ahna mill-ewwel ghedna noqghodu ghall ruling ta' l-Ispeaker.* (fol 21)

Jirrizulta mit-traskrizzjoni tas-seduta tal-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubblici tat-18 ta' Ottubru 2010 illi Dr Austin Gatt, ghan-nom tal-membri tal-Gvern fil-Kumitat, kien iddikjara:

> *L-oggezzjoni tieghi hija di principio u allura hija kontra kullhadd hlief l-awditur beix jispjega r-rapport tieghu.* (fol 140)

Jirrizulta ghalhekk illi, ghalkemm kien minnu illi l-membri tal-Gvern tal-gurnata ma kienux qed ikomplu ma' l-agenda proposta mill-membri tal-Opposizzjoni ta' dak iz-zmien, l-ilment tar-rikorrent dwar l-allegazzjoni ta' giddieb illi saret fil-konfront tieghu mill-editur intimat fejn jirrigwarda l-intervista illi saret fuq **Bondi+** hija wahda gustifikata, u dana peress illi l-intimat kien qal is-segwent fl-editorjal tieghu:

> *Il-poplu mhux se jinsa kif il-Prim Ministru gidiblu u pprova jizvijah meta assigura li siehbu Lou Bondi li hu kien ordna lill-membri tieghu fuq il-Kumitat tal-Kontijiet Pubblici (PAC) biex ma jfixklux l-agenda tal-Opposizzjoni Laburista u jaccettaw li x-xhieda jittellghu quddiem dan il-kumitat biex jigu mistharrgin. Allura l-poplu haseb li kienet inizjattiva ta' Austin Gatt dik li jimbarra lill-PAC milli jkompli bl-agenda tieghu fl-istess hin u jum. Izda l-ghada, l-istess Ministru giddbu u ddikjara li huwa agixxa skond kif proprju ried il-Prim Ministru u l-Kabinett.*

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta, madanakollu, illi l-editorjal intitolat '**Giddieb bil-provi**' ma irreferiex biss ghall-intervista li saret fuq **Bondi+**, izda ghamlet referenza ukoll ghall istanzi ohra fejn l-editur intimat hass illi r-rikorrent kien gideb.

Il-Qorti thoss illi l-kumment illi dwaru qieghed jilmenta r-rikorrent ghandu jigi kkunsidrat fl-interjieta ta' l-artikolu illi fih inkiteb, u ghalhekk jkun opportun, f'dan l-istadju, illi tipproduci l-artikoli in intier, ghall ahjar intendiment tas-sentenza.

Tali artikolu kien jghid is-segwenti:

> *Il-fariżej Nazzjonalisti u s-servi tagħhom fil-midja tgħidx kemm tkażaw u ċarrtu lbieshom għax Dr Joseph Muscat qal il-verità mingħajr ma ħabbel rasu li joqgħod lura milli jgħid iswed dak li huwa iswed. Dawn l-ipokriti ħaduha bi kbira għax il-Mexxej Laburista għajjar lill-Prim Ministru Lawrence Gonzi giddieb. U qallu hekk f'wiċċu. U għamel sewwa għax issa l-poplu xeba' u ddejjaq jisma' kullana ta' gideb ħiereġ minn fomm Gonzi. Lanqas jekk wieħed ikollu l-paċenzja ta' Ġobb ma jissaporti jisma' l-gideb sfaċċat tal-Prim Ministru.*
>
> *U mhux gideb ta' tgħawwiġ ta' fatti u manipulazzjoni ta' figuri biss. Lanqas gideb li huwa assoċjat ma' politiċi li ma jħabblux rashom mill-eżatezza ta' dak li jesklamaw. Iżda agħar, ferm agħar, gideb intiż biex jinganna, biex iħawwad, biex jagħti stampa falza u qarrieqa tas-sitwazzjoni. F'kull pajjiż normali li jgħożż id-demokrazija u li l-gvern iħoss li huwa responsabbli mhux biss għal għemilu, iżda wkoll għal dak li jgħid liċ-ċittadini, l-ebda prim ministru qatt ma kien jikkontempla, aħseb u ara jigdeb direttament fi programm televiżiv.*
>
> *Il-poplu mhux se jinsa kif il-Prim Ministru gidiblu u pprova jiżvijjah meta assigura lil sieħbu Lou Bondi li hu kien ordna lill-membri tiegħu fuq il-Kumitat tal-Kontijiet Pubbliċi (PAC) biex ma jfixklux l-aġenda tal-Oppożizzjoni Laburista u jaċċettaw li x-xhieda jittellgħu quddiem dan il-kumitat biex jiġu mistħarrġin. Allura l-poplu ħaseb li kienet inizjattiva ta' Austin Gatt dik li jimbarra lill-PAC milli jkompli bl-aġenda tiegħu fl-istess ħin u jum. Iżda l-għada l-istess Ministru giddbu u ddikjara li huwa aġixxa skont kif proprju ried il-Prim Ministru u l-Kabinett. Issa joħroġ Gordon Pisani jiżvela li kien il-Prim Ministru nnifsu li ressaq il-proposta fil-Kabinett biex ma jittellgħux ix-xhieda!*

*In-Nazzjonalisti u s-servili tagħhom fil-midja kif qatt jista' jkollhom wiċċ li jkomplu jferfru idejhom f'kundanni għax Joseph Muscat qal li Gonzi huwa giddieb u jdawru wiċċhom in-naħa l-oħra għal gideb gravi ta' sidhom. Bl-arroganza tagħhom jippretendu li l-poplu jaċċetta b'rassenjazzjoni kull gidba li toħroġ minn fomm l-idolu tagħhom.*

*Mhux biss jiskużaw il-gideb tiegħu, li huwa saħansitra miktub u dokumentat fil-pataflun ta' wegħdi foloz li għamel lejliet l-elezzjoni ġenerali, mhux biss jinsew kemm ħawwad u waqqa' kelmtu stess ma' kull sezzjoni tas-soċjetà, mhux biss insew li llum jgħid ħaġa u l-għada jagħmel oħra, iżda anke ma jgħidux li qed jigdeb, u jigdeb b'mod sfaċċat meta jassigurana li huwa ordna lin-nies tiegħu biex ma jfixklux lill-PAC u n-nies tiegħu jgħidulna li kien huwa li qalilhom biex jimbarraw il-proċess!*

*Mhux ta' b'xejn li rrifjuta li jerġa' jmur jiffaċċja lil Joseph Muscat fil-programm ta' John Bundy nhar il-Ġimgħa. L-esperjenza qarsa li kellu jixrob fil-programm ta' sieħbu stess, Peppi Azzopardi, baqgħetlu xofa. Bħal kull giddieb, jibża' jaffronta lil min huwa dritt u sinċier. Jaf ukoll li l-giddieb għomru qasir. Jaf iżjed li llum il-poplu ntebaħ li l-ħmira tal-ħobż ta' GonziPN hija biss gidba!*

Jirrizulta, mill-qari ta' l-artikolu, illi ghalkemm l-artikolist ossija intimat, fil-korp tal-artikolu, jaghmel referenza ghall kwistjoni illi kienet qieghda tigi dibattuta fil Kumitat tal-Kontijiet Pubblici, l-istess artikolist jaghmel referenza ukoll ghall istanzi ohra fejn skond hu, r-rikorrent gideb, u dana lejliet l-elezzjoni generali, liema kazijiet jirreferi ghalihom bhala "*pataflun ta' weghdi foloz li ghamel lejliet l-elezzjoni generali*".

Jirrizulta, mill-provi prodotti, illi fis-27 ta' Frar 2008 ossija ftit jiem qabel l-elezzjoni ta' Marzu 2008, ir-rikorrent, bhala Prim Ministru, kien kiteb personalment lill kull impjegat tat-Tarzna ta' Malta fejn qal is-segwenti: (Fol 84)

*"Jiena se nkompli nahdem biex flimkien naslu f'posizzjoni li t-Tarzna ddawwar ir-rota u tmur 'il quddiem bil-hidma taghna. B'hekk int, shabek u l-familji taghkhom lkoll timxu l-quddiem billi tahdmu aktar, taqilghu aktar flus u thallsu anqas taxxa".*

Jirrizulta ippruvat illi wara l-elezzjoni generali tas-sena 2008, it-Tarzna inbieghet lill-privat u l-maggoranza tal-haddiema spiccaw jahdmu minn mat-Tarzna billi hadu beneficcju finanzjarju filwaqt illi l-ftit li baqghu hemm gew assenjati xoghlijiet ohra mhux relatati mat-Tarzna.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrent, f'dak il-kaz, ma wettaqx il-weghda illi kien ghamel lill-haddiema tat-Tarzna.

Jirrizulta, mill-provi prodotti, illi fil-25 ta' Frar 2008, ossija, ghal darba ohra, ftit jiem qabel l-elezzjoni ta' Marzu 2008, ir-rikorrent, bhala Prim Ministru, kiteb personalment lill kull impjegat ta' l-Airmalta fejn qal is-segwenti: (fol 83)

*Fit 8 ta' Marzu (2008) int ghandhek decizjoni krucjali quddiemek. Trid taghzel Gvern. Trid taghzel Prim Ministru. U fl-istess hin, trid tizgura li s-sagrificcji li ghamilt int biex l-Air Malta tkun iktar kompetittiva ma jintilfux.*

*L-aqwa garanzija ghall Air Malta hija t-tkabbir ekonomiku u z-zieda fix-xoghol f'pajjizna, kif kellna f'dawn l-ahhar snin. Ghalhekk nistiednek tivvota ghac-certezza u*

*ghal ekonomija b'sahhitha, li huma l-garanzija ghax-xoghol tieghek Nistiednek biex tivvota ghall kandidati tal-Partit Nazzjonalista.*

Jirrizulta, mill-provi prodotti, illi wara l-elezzjoni generali tas-sena 2008, beda process ta' ristrutturar fi hdan l-Airmalta illi wassal ghal tnaqqis ta' madwar hames mitt impjegat minn ma' l-istess socjeta Airmalta filwaqt illi l-kumpannija li kienet tmexxi l-Hotel Selmun, li kienet sussidjarja ta' l-Airmalta, giet dikkjarata falluta u l-impjegati kollha ta' l-istess lukanda sfaw imkeccija mill-post tax-xoghol taghhom.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrent, ghal darba ohra, f'dak il-kaz, ma wettaqx il-weghda illi kien ghamel lill-haddiema ta' l-Airmalta.

Il-Qorti tosserva illi huwa ghalhekk minnu illi r-rikorrent kien ghamel "*weghdi foloz ... lejliet l-elezzjoni generali*" kif jghid l-intimat fl-editorjal tieghu.

Jirrizulta, finalment, illi fil-kwistjoni relatata mar-rapport ta' l-Awditur Generali fuq l-ghoti tal-kuntratt lill-kumpannija BWSC, fejn l-Awditur Generali sahaq illi filwaqt illi ma sabx provi materjali ta' korruzzjoni, sab dak li definixxi "*hafna duhhan*", peress illi diversi xhieda principali ma xehdux fid-dettall, ghat-talba ta' l-Opposizzjoni ta' dak iz-zmien sabiex jinstemghu xhieda biex il-kaz jigi ezaminat fir-reqqa, l-membri tal-Gvern kienu qed jopponu bil-qawwa, kif jirrizulta mill-minuti tal-laqgha ta' l-istess Kumitat tat 18 ta' Ottubru 2010.

Ghalhekk, filwaqt illi ma huwiex minnu illi r-rikorrent kien qal lill-membri tal-Gvern biex jaccettaw ix-xhieda kollha li kienu ser jirrikjedu l-opposizzjoni, huwa minnu illi kien hemm tentativ sabiex "*jimbarra lill-PAC milli jkompli bl-agenda tieghu*" tant illi ma giex approvat illi jittellghu xhieda ohra meta talbuhom l-Opposizzjoni.

Kien biss aktar tard, f'Jannar 2011, illi l-membri tal-Gvern qablu illi jipproducu xhieda, u dana minkejja li l-argument imressaq originalment mill-Gvern meta oggezzjona inizzjalment fejn kienu qed jghidu illi l-produzzjoni tax-xhieda kienet li kien ikun vot ta' sfiducja fl-Awditur Generali jekk l-Kumitat jordna illi jisma lix-xhieda illi kien gia sema l-istess Awditur Generali.

**Ikkunsidrat**

Id-difiza mressqa mill-intimata hija, principalment, dik ta' '*fair comment*', stante illi sahqet illi l-pubblikazzjoni hija bbazata fuq fatti sostanzjalment korretti fuq persuna involuta fil-hajja pubblika.

Dwar il-livel ta' kritika li politiku tista ssirlu, kif gie stabbilit fid-decizjoni tal-European Court of Human Rights fis-sentenza **Ligens vs Austria**, u abbracjata mill-Qorti Maltin, intqal illi:-

*Freedom of the press furthermore affords the public one of the best means of discovering and forming an opinion of the ideas and attitudes of political leaders. More generally, freedom of political debate is at the very core of the concept of a democratic society which prevails throughout the Convention.*

*The limits of acceptable criticism are accordingly wider as regards a politician as such than as regards a private individual. Unlike the latter, the former inevitably and knowingly lays himself open to close scrutiny of his every word and deed by both*

*journalists and the public at large, and he must consequently display a greater degree of tolerance. No doubt Article 10 para. 2 (art. 10-2) enables the reputation of others - that is to say, of all individuals - to be protected, and this protection extends to politicians too, even when they are not acting in their private capacity; but in such cases the requirements of such protection have to be weighed in relation to the interests of open discussion of political issues.*

Aktar recentement, fil-kawza deciza mill-Grand Chamber tal-Qorti Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem fl-ismijet **Axel Springer AG vs Germany** deciza fis-7 ta' Frar 2012, intqal is-segwenti:

*78. Freedom of expression constitutes one of the essential foundations of a democratic society and one of the basic conditions for its progress and for each individual's self-fulfilment. Subject to paragraph 2 of Article 10, it is applicable not only to "information" or "ideas" that are favourably received or regarded as inoffensive or as a matter of indifference, but also to those that offend, shock or disturb. Such are the demands of pluralism, tolerance and broadmindedness without which there is no "democratic society". As set forth in Article 10, freedom of expression is subject to exceptions, which must, however, be construed strictly, and the need for any restrictions must be established convincingly (see, among other authorities, Handyside v. the United Kingdom, 7 December 1976, § 49, Series A no. 24; Editions Plon v.France, no. 58148/00, § 42, ECHR 2004-IV; and Lindon, Otchakovsky-Laurens and July v. France [GC], nos. 21279/02 and 36448/02, § 45, ECHR 2007-IV).*

*79. The Court has also repeatedly emphasised the essential role played by the press in a democratic society. Although the press must not overstep certain bounds, regarding in particular protection of the reputation and rights of others, its duty is nevertheless to impart – in a manner consistent with its obligations and responsibilities – information and ideas on all matters of public interest. Not only does the press have the task of imparting such information and ideas; the public also has a right to receive them. Were it otherwise, the press would be unable to play its vital role of "public watchdog" (see Bladet Tromsø and Stensaas v. Norway [GC], no. 21980/93, §§ 59 and 62, ECHR 1999-III, and Pedersen and Baadsgaard, cited above, § 71*

Kif kompliet tghid l-istess Qorti

*81. Journalistic freedom also covers possible recourse to a degree of exaggeration, or even provocation (see Pedersen and Baadsgaard, cited above, § 71). Furthermore, it is not for the Court, any more than it is for the national courts, to substitute its own views for those of the press as to what techniques of reporting should be adopted in a particular case (see Jersild v. Denmark, 23 September 1994, § 31, Series A no. 298, and Eerikäinen and Others v. Finland, no. 3514/02, § 65, 10 February 2009).*

Minn naha l-ohra, dwar id-difiza ta' '*fair comment*', kif jinghad f'**Gatley on Libel and Slande**r :

*To succeed in a defence of fair comment the defendant must show that the words are comment, and not a statement of fact. He must also show that there is a basis of fact for the comment, contained or referred to in the matter complained of. Finally, he must show that the comment is on a matter of public interest, one which has expressly or implicitly put before the public for judgment or is otherwise a matter with which the public has a legitimate concern. If, however, the plaintiff can show that the comment was not made honestly or was actuated by malice, he will defeat the plea.*

Kif inghad minn Lord Justice Scott fil- kawza **Lyon v. Daily Telegraph**:

*The right of fair comment is one of the fundamental rights of free speech and writing which are so dear to the British nation, and it is of vital importance to the rule of law on which we depend for our personal freedom.*

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta, mill-provi prodotti, illi r-rikorrent, kif del resto jinsisti dwarha fix-xhieda tieghu ripetutament, hass ruhu malafamant bil-fatt illi huwa gie akkuzat mill-intimat li kien "giddieb bil-provi", u dana meta jghid testwalment "*Jiena nghid illi minix giddieb la bil-provi u lanqas bla provi*" (fol 19).

Jirrizulta wkoll, mill-provi prodotti, illi ghalkemm ir-rikorrent, fil-kwalita' tieghu ta' Kap tal-Partit Nazzjonalista u Prim Ministru tal-Gvern ta' Malta, wieghed lill-haddiema tat-Tarzna kif ukoll ta' l-Airmalta illi ma kienux ser jitilfu l-impjieg taghhom u kienu ser jjimxu l-quddiem, madanakollu, jirrizulta illi tali wieghda ma nzammitx peress illi eventwalment it-Tarzna inbieghet lill-privat u l-Airmalta giet ristrutturata, bir-rizultat illi haddiema tilfu xogholhom jew gew riassenjati f'postiiet fejn ma kienux qed jahdmu qabel.

Jirrizulta ghalhekk illi, ghalkemm il-kelma "giddieb" tista b'xi mod tinstema harxa fil-konfront ta' persuna, peress illi l-fatti kif fuq esposti jirrizultaw sostanzjalment veri u, aktar u aktar, in vista tal-fatt illi r-rikorrent huwa persuna politika illi hija soggetta ghall-livell ta' kritika gholja kif ukoll anke ghal provokazzjoni u esagerazzjonijiet, tali kumment ghandu jitqies bhala wiehed accettabbli fis-socjeta demokratika Maltija u certament ma hijiex malafamanti u libelluza fil-konfront tar-rikorrenti peress illi kien kumment illi kien jirrifletti l-hsiebijiet ta' l-intimat ibbazati fuq fatti illi huwa kien ikkonstata u li dwarhom hass illi kellu jikkummenta f'dak is-sens.

**Konkluzjoni**

Wara illi rat is-sottomissjonijiet ta' l-abbli difensuri tal-partijiet,

Tghaddi biex taqta u tiddeciedi l-kaz billi

**Tilqa** l-eccezzjonijiet kollha ta' l-intimat,

**Tichad** it-talbiet attrici.

Spejjez tal-proceduri odjerni ikunu kollha a kariku tar-rikorrenti.

**Magistrat Francesco Depasquale**

**Marisa Bugeja**
Deputat Registratur